Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Il-President

21.11.2024

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2024/002 BE/Limburg makkinarju u karta (2024/0286(BUD))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek u ddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Novembru 2024. Matul din il-laqgħa, iddeċieda li jippreżenta lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, l-opinjoni li tidher hawn taħt.

Dejjem tiegħek,

Li Andersson

OPINJONI

A. Billi, fid-19 ta' Lulju 2024, il-Belġju ppreżenta applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/691 (ir-Regolament dwar il-FEG), fir-rigward tas-sensji tal-ħaddiema fis-setturi ekonomiċi kklassifikati taħt id-Diviżjoni 17 (Manifattura ta' karta u ta' prodotti tal-karta) u d-Diviżjoni 28 (Manifattura ta' magni u tagħmir) tan-NACE Reviżjoni 2 fir-reġjun NUTS 2 ta' Provincie Limburg (BE22) fil-Belġju;

B. Billi l-Belġju ppreżenta l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2)(c), tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi l-waqfien tal-attività ta' mill-inqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' erba' xhur (f'dan il-każ mill-31 ta' Diċembru 2023 sat-30 ta' April 2024) f'intrapriżi li joperaw fl-istess setturi ekonomiċi jew f'setturi ekonomiċi differenti definiti fil-livell tan-NACE Reviżjoni 2 u li jinsabu fl-istess reġjun definit fil-livell NUTS 2 fi Stat Membru; billi, wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha tar-Regolament dwar il-FEG, li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati;

C. Billi l-applikazzjoni hija relatata ma' 681 ħaddiem issensjat (benefiċjarji eliġibbli) li l-attività tagħhom waqfet fis-setturi ekonomiċi indikati hawn fuq;

D. Billi fil-5 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur il-Belġju biex tiġi appoġġjata l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol ta' 632 benefiċjarju fil-mira;

E. Billi l-eventi li wasslu għas-sensji fis-settur tal-karta huma deċiżjoni mill-Grupp Sappi (Sappi) li jwaqqaf il-produzzjoni f'Lanaken u jagħlaq l-impjant; billi l-kawża ewlenija ta' din id-deċiżjoni hija d-domanda dejjem tonqos għall-prodotti tal-grafika li tirriżulta minn żieda fid-diġitalizzazzjoni u l-kapaċità żejda dejjem tikber tal-industrija Ewropea tal-karta miksija mingħajr injam (WCP) (fi 15-il sena, il-kapaċità tal-Industrija Ewropea tal-karta miksija mingħajr injam naqset b'50 %, għal 4,6 miljun tunnellata fl-2023); billi dan irriżulta f'567 sensja;

F. Billi l-għadd ta' impjiegi industrijali disponibbli f'Limburg naqas bi 15 % fl-2023, meta mqabbel mas-sena ta' qabel; billi l-eventi li wasslu għas-sensji fis-settur tal-makkinarju huma deċiżjoni mill-Purmo Group Belgium NV (Purmo) li jwaqqaf il-produzzjoni tal-panel radiators ta' 50 mm fl-impjant tiegħu ta' Zonhoven u jagħlaq il-linja tal-produzzjoni rilevanti; billi r-raġuni għat-twaqqif tal-produzzjoni hija t-tnaqqis qawwi fid-domanda għall-panel radiators fl-UE, liema tnaqqis huwa relatat mad-domanda dejjem akbar għal sistemi tat-tisħin alternattivi, bħall-pompi tas-sħana u s-sistemi b'temperatura baxxa, bħala riżultat tal-prezzijiet tal-gass dejjem jiżdiedu konsegwenza tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-effetti sekondarji fuq l-infiq tal-konsumaturi kif ukoll id-dekarbonizzazzjoni tal-bini u tal-industrija sabiex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija; billi dan irriżulta f'114-il sensja;

G. Billi l-ħaddiema ssensjati huma kkonċentrati f'Lanaken (83 %) u f'Zonhoven (27 %), u għalhekk il-provinċja ta' Limburg fil-Flanders hija t-territorju l-aktar affettwat mis-

sensji; billi s-swieq tax-xogħol ta' Lanaken u ta' Zonhoven huma żvantaġġati meta mqabbla ma' Limburg kollha kemm hi jew mal-Flanders; billi l-proporzjon tal-popolazzjoni li taħdem mal-impjiegi disponibbli huwa ta' 49 % f'Lanaken u ta' 55 % f'Zonhoven, jiġifieri bejn 19-il pp u 13-il pp inqas minn dak f'Limburg (68 %) u bejn 24 pp u 18-il pp inqas minn dak fil-Flanders (73 %); billi, il-proporzjon ta' persuni li qed ifittxu impjieg mal-postijiet vakanti f'Lanaken u fiż-żona ta' madwaru (Maasland) huwa ta' 4,5 (madwar id-doppju tal-proporzjon fil-Flanders); billi s-suq tax-xogħol ta' Maasland kien ukoll affettwat b'mod negattiv minn event ta' ristrutturar fin-Netherlands, fejn il-manifattur Netherlandiż tal-karozzi VDL irrapporta telf ta' madwar 2 000 impjieg mill-1 ta' Marzu 2024 fl-impjant tal-produzzjoni tiegħu f'Born, li 700 minnhom kienu ħaddiema transfruntiera li jgħixu f'Maasland;

H. Billi l-Belġju indika li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament dwar il-FEG; billi t-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi huma involuti fl-attivitajiet tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi fil-Flanders (VDAB) fil-livelli kollha;

I. Billi l-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027;

Għalhekk, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-objettiv tal-FEG huwa li juri solidarjetà mal-benefiċjarji, u li jagħtihom appoġġ; iqis li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għandhom ikunu diretti primarjament lejn miżuri attivi ta' politika tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati li jkollhom l-għan li jintegraw mill-ġdid u malajr lill-benefiċjarji f'impjieg deċenti u sostenibbli fis-settur tal-attività inizjali tagħhom jew barra minnu; jisħaq fuq l-importanza li l-ħaddiema jitħejjew u jiġu appoġġjati għat-tranżizzjoni ekoloġika u għal dik diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà Ewropej, liema tranżizzjonijiet huma meħtieġa b'mod urġenti; itenni, f'dan il-kuntest, ir-rwol importanti li għandha l-Unjoni, inkluż permezz tal-FEG, fil-kontribut għall-finanzjament tal-kwalifiki meħtieġa għat-tranżizzjoni ġusta f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

2. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2)(c), tar-Regolament dwar il-FEG ġew issodisfati u li l-Belġju huwa intitolat għall-kontribuzzjoni finanzjarja mitluba ta' EUR 704 135 fl-ambitu ta' dak ir-Regolament, li tirrappreżenta 60 % tal-kost totali ta' EUR 1 173 559 (li jinkludi n-nefqa għal servizzi personalizzati ta' EUR 1 126 559 u n-nefqa għall-attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar ta' EUR 47 000); ifakkar li, f'konformità mar-Regolament dwar il-FEG, il-Belġju huwa intitolat għal rata massima ta' kofinanzjament ta' 85 % tal-kost totali;

3. Jinnota l-fatt li l-intrapriżi li taw is-sensji kkonformaw mal-liġi Belġjana dwar is-sensji kollettivi, li tistabbilixxi proċedura obbligatorja għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema. Jilqa' l-fatt li l-Belġju rrapporta li l-ewwel sessjonijiet

ta’ informazzjoni lill-ħaddiema bdew fis-26 ta’ Diċembru 2023 u l-unitajiet tal-impjiegi ġew stabbiliti immedjatament wara s-sensji u li diġà fit-13 ta’ Marzu 2024, il-VDAB organizza fiera tal-impjiegi f’Lanaken għal dawk li kienu jaħdmu ma’ Sappi u Purmo, fejn ħadu sehem madwar 20 intrapriża;

4. Jinnota l-profil tal-ħaddiema ssensjati, li terz minnhom għandhom 55 sena jew aktar u 30 % għandhom livell baxx ta’ edukazzjoni, u jqis li, flimkien max-xejra ’l isfel fil-postijiet vakanti u d-distribuzzjoni ġeografika tagħha, il-ħaddiema se jeħtieġu appoġġ addizzjonali mfassal apposta biex jgħinhom jirnexxu fit-tranżizzjoni lejn impjieg;

5. Jisħaq li l-Belġju kkonferma li l-miżuri appoġġjati mill-FEG mhuma se jirċievu l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni;

6. Jinnota li s-servizzi personalizzati li jridu jingħataw lill-ħaddiema jikkonsistu mill-miżuri li ġejjin: (a) Konsulent għall-Intervent soċjali (SIA), (b) gwida, konsulenza, u orjentazzjoni vokazzjonali, (c) appoġġ attiv għat-tiftix ta’ impjieg, (d) taħriġ, taħriġ mill-ġdid u taħriġ vokazzjonali, u (e) taħriġ fuq il-post tax-xogħol; minħabba l-età u l-profil tal-edukazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, jisħaq li l-ħtiġijiet speċifiċi ta’ dawn il-gruppi għandhom jitqiesu meta jiġu pprovduti servizzi personalizzati;

7. Jisħaq b’mod partikolari fuq l-importanza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi li l-pakkett ikkoordinat jantiċipa l-perspettivi tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa fil-futur, li jkunu kompatibbli mal-bidla lejn ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u sostenibbli u jiffukaw b’mod partikolari fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali; jilqa’ l-fatt li l-appoġġ standard tal-VDAB għall-ħaddiema ssensjati jinkludi għodod diġitali u taħriġ fil-ħiliet diġitali kif ukoll ħiliet meħtieġa f’ekonomija effiċjenti fir-riżorsi;

8. Ifakkar fil-possibbiltà għal miżuri speċjali limitati fiż-żmien fil-pakkett ikkoordinat, inkluż, fost l-oħrajn, li jitħallsu l-allowances għall-kura tat-tfal, kif previst fl-Artikolu 7(2)(b), tar-Regolament dwar il-FEG biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni ta’ dawk li qed ifittxu impjieg fl-attivitajiet proposti.